



19.4.2010

0027/2010

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura
dwar il-ġlieda kontra l-qtil għall-unur

Theodoros Skylakakis, Marietta Giannakou

Data ta' skadenza: 19.7.2010

0027/2010

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ġlieda kontra l-qtil għall-unur

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa u l-Protokoll Fakoltattiv tagħha flimkien ma' strumenti oħra tan-NU dwar il-vjolenza kontra n-nisa,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 10 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi total ta' 43 mara ġew irrappurtati li tilfu ħajjithom fil-Lvant u fix-Xlokk tal-Anatolja fit-Turkija matul l-ewwel xahrejn tal-2010 minħabba "delitti tal-unur", għadd kbir li jwaħħax u li possibbilment qed jiżdied, minkejja l-bidliet fil-qafas legali tal-pajjiż,
- B. billi l-qtil għall-unur jikser id-dritt għall-ħajja u d-dritt ta' miljuni ta' nisa li ma jgħixux taħt din it-theddida,
1. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tappoġġa l-iżvilupp ta' qafas legali u ġudizzjarju adegwat f'pajjiżi fejn iseħħu każijiet ta' qtil għall-unur u biex tissorvelja r-riformi leġiżlattivi rispettivi u l-implimentazzjoni tagħhom;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tappoġġa programmi li jgħinu lill-vittmi u lil dawk li jistgħu jisfaw vittmi;
 3. Jesprimi r-rieda qawwija tiegħu li jikkoopera mill-qrib mal-parlamenti nazzjonali biex jintlaħaq livell xieraq ta' kastig għal min iwettaq dawn id-delitti u biex jiġġieled kontra l-atteġġjamenti soċjali li jwasslu għal dan il-fenomenu,
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.